MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta ta' l-1 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 393/2006

**A**

**-vs-**

**B**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-11 ta’ Diċembru, 2006 li permezz tiegħu l-attur espona bir-rispett:

Illi permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali datat 31 ta’ Awissu, 2000 fl-atti tan-Nutar Dr. Nicholas Vella, il-partijiet isseparaw personalment minn xulxin skond it-termini stipulati fl-istess kuntratt.

Illi skond il-klawsola ħamsa (5) ta' l-istess kuntratt, ir-rikorrent obbliga ruħu li jħallas lill-intimata bħala manteniment għaliha s-somma ta' mitejn Liri Maltin (Lm200) fix-xahar bil-quddiem, liema manteniment huwa rivedibbli annwalment skond l-Indiċi tal-Għoli tal-ħajja ppubblikat mill-Gvern minn żmien għal żmien.

Illi sussegwenti għal din is-separazzjoni personali, l-intimata kkommettiet adulterju billi daħlet f'relazzjoni ntima u stabbli ma' C;

Li nonostante dan l-adulterju, l-intimata baqgħet tikkostrinġi lir-rikorrent sabiex ikompli jħallasha l-manteniment;

Illi dan l-aġir ta' l-intimata jintitola lir-rikorrent sabiex jitlob mill-ġdid is-separazzjoni personali minħabba l-adulterju ta' l-intimata u b'hekk id-dekadenza tagħha mid-dritt li tkompli tirċievi mingħand żewġha l-manteniment fuq riferit.

Tgħid għalhekk l-intimata għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minħabba l-adulterju kommess mill-intimata;

2. Tistabilixxi d-data li fiha ġie kommess l-adulterju;

3. Konsegwentement tiddikjara li l-intimata ddekadiet permanentement mid-dritt li tirċievi manteniment mingħand żewġha b'effett mid-data fuq stabbilita jew b'effett minn kwalsiasi data oħra li jidhrilha xierqa u opportuna;

4. Tikkundanna lill-intimata sabiex tirrifondi lir-rikorrent dik is-somma li tiġi stabbilita bħala rifondibbli lilu ai termini ta' l-Artikolu 25 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ppreżentata fid-19 ta' Frar, 2007 li permezz tagħha l-konvenuta eċċepiet bir-rispett;

1. Illi l-ewwel talba hija nulla u bla effett stante illi ġja' hemm separazzjoni personali eżistenti bejn il-partijiet u għalhekk is-separazzjoni personali ma tistax tiġi ppronunzjata darbtejn.

2. Illi għalhekk isegwi li t-talbiet l-oħrajn, jiġifieri tnejn (2), tlieta (3) u erbgħa (4) huma wkoll nulli u bla effett.

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost abbażi tal-prinċipju pacta sur servanda stante illi hemm kuntratt ta' separazzjoni li jirregola l-kundizzjonijiet ta' l-istess separazzjoni għandhom jibqgħu viġenti l-istess kundizzjonijiet ta' l-istess kuntratt ta' separazzjoni fosthom dik tal-manteniment;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost di piu' l-esponenti tbati minn mard serju li tipprojbixxiha li taħdem u taqla' l-flus, liema mard serju ser jiġi muri waqt l-ismigħ tal-kawża u għalhekk hija impossibbli li l-esponenti taħdem u taqla' introjtu tagħha.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat l-atti proċesswali.

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Mejju, 2007 illi permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel tliet eċċezzjonijiet.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob it-tħassir ta' l-obbligazzjoni tiegħu li jħallas manteniment lil martu l-konvenuta permezz tal-kuntrattt ta' separazzjoni konsenswali ta' bejniethom li ġie pubblikat fil-31 ta' Awissu, 2000 (Dok. "AB1" – fol 4). Huwa qed jagħmel dan fil-konfront tal-konvenuta billi din ikkommettiet adulterju warra l-pubblikazzjoni ta' dak il-kuntratt.

Il-konvenuta, fl-ewwel u t-tieni eċċezzjoni, qed teċepixxi li ladarba l-partijiet huma separati, l-attur ma jistax issa jerġa' jitlob is-separazzjoni għaliex allura din il-Qorti tkun qed tippronunzja dak li ġia' ġie pronunzjat bejn il-partijiet. Qed teċċepixxi wkoll li ladarba hemm ftehim bejn il-partijiet l-attur ma jistax jiżvinkola ruħu minnu għaliex hu prinċipju legali assodat li *pacta sunt servanda*.

Il-Qorti hija konvinta mill-ġurisprudenza ċitata mill-attur li dawn l-eċċezzjonijiet ma għandhomx jiġu milqugħa. Huwa minnu li fuq l-iskorta ta' dawn is-sentenzi li l-Qorti, jekk l-attur jingħata raġun, tkun qed terġa' tippronunzja separazzjoni bejn il-partijiet meta dan ġia' ġie pronunzjata iżda s-sentenzi msemmija mill-attur ma jħallu lok għal ebda interpretazzjoni oħra. Dan għaliex il-Qrati tagħna f'diversi okkażjonijiet qalu li ma tistax tintalab dekadenza mid-dritt ta' manteniment jekk mhux f'kawża ta' separazzjoni. Kif semma l-attur, fil-kawża <u>Blackman vs Blackman</u> deċiża mill-Prim'Awla fl-1954, intqal illi "*xejn ma jiswa' li l-partijiet huma separati għaliex dik is-separazzjoni tagħmel stat bejniethom fuq il-fatt li tiddeterminaha, jiġifieri inkompatibilta' ta' karattru u raġunijiet oħra validi fil-liġi, iżda żgur mhux ukoll fuq adulterju għaliex fil-kuntratt ta' separazzjoni ġiet eskluża, jew aħjar ma saret ebda riserva għaliha, jekk kellu jinqala' l-każ, u ebda ostakolu ma jista' jkun hemm għal domanda ta' separazzjoni bejn l-istess kontendenti fuq fatti posterjuri.*"

Din is-sentenza tirrispekkja preċiż din il-kawża u għalhekk ma hemm bżonn ta' ebda indaġini iktar. Iżda hemm kawżi oħra

bħal Mizzi vs Mizzi (Prim'Awla – 12 ta' Diċembru, 1964) fejn dan il-prinċipju ġie anke applikat għal każ fejn il-partijiet ikunu ġia isseparaw permezz ta' sentenza tal-Qorti. Fil-każ in eżami l-kuntratt ta' separazzjoni mkien ma jsemmi adulterju u l-partijiet iddikjaraw li qed jisseparaw minħabba raġunijiet serji u validi fil-liġi; għalhekk ladarba l-attur obbliga ruħu li jħallas manteniment lill-konvenuta, huwa ma hux prekluż milli jistitwixxi din il-kawża li qed jibbażaha fuq l-allegazzjoni tiegħu li l-konvenuta kkommettiet adulterju wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt.

Fuq il-kwistjoni li l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti ċertament ħadd ma jiddubita minn dan il-prinċipju iżda ma hemmx dubbju wkoll li kuntratt ta' separazzjoni hu soġġett għat-tibdil f'ċirkostanzi partikolari – per eżempkju fejn jirrigwardja l-minuri. Fejn jirrigwardja l-manteniment, il-Qorti taqbel ma' l-attur li dan mhux dritt li jiskaturixxi mill-kuntratt iżda mil-liġi u allura l-kuntratt jirregola l-*quantum* u l-*modus* tiegħu; ladarba l-istess liġi taħseb għad-dekadenza minn dan id-dritt dan ifisser li huwa dejjem soġġett għad-dekadenza – sakemm il-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni nnifsu ma jeskludux tali dekadenza.

Il-Qorti ta' l-Appell iddiskutiet *obiter* dan il-punt fil-kawża fl-ismijiet Carmelo Olivari vs Mary Olivari deċiża fit-3 ta' Ottubru, 1958 u qalet hekk;

"Huwa magħruf illi sentenza li tistabilixxi l-ħlas ta' pensjoni alimentari ma tistax tiġi ritenuta mitmuma jew modifikata mingħajr sentenza oħra." (*cfr XXXV-IV-990*) (sottolinejar tal-Qorti).

Dan ifisser allura neċessarjament li dan l-obbligu jista' jintemm anke jekk kien deċiż b'sentenza – u allura anke jekk stabbilit b'kuntratt. Naturalment jekk ikun stabbilit permezz ta' sentenza, jista' jiġi attakkat minħabba tibdil fiċ-ċirkostanzi jew għal raġuni li tagħti lok għad-dekadenza fil-waqt li jekk stabbilit

permezz ta' kuntratt jista' jiġi attakkat biss minħabba din l-aħħar raġuni, sakemm il-partijiet ma jiftehmux xort'oħra u għalhekk hemmhekk japplika l-prinċipju *pacta sunt servanda*.

**Għalhekk il-Qorti tiċħad l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-konvenuta u tordna li l-kawża titkompla.**

**L-ispejjeż ta' din l-istanza jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------